# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 14**

**Citazzjoni numru 80/04 AF**

**Assistance and Rescue Officer Saviour Chircop u martu Marisa Chircop**

**v.**

**Assistance and Rescue Officer Massimo Cassar; Dipartiment tal-Protezzjoni Civili**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-22 ta' Jannar 2014 illi ghall-ahjar intendementi qed tigi riprodotta;

> "Rat ic-citazzjoni mressqa minn Saviour Chircop u Marisa Cassar, li permezz taghha, wara li ppremettew illi:

“Fit-3 ta’ Frar 2002, waqt li l-attur, bhala parti mix-xoghol u dover tieghu, hu kien fil-vettura Nru. GVH 475 li kienet tinsaq mill-konvenut Massimo Cassar.

“Waqt li l-istess vettura, li tappartjeni lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili, hi u niezla n-nizla tax-Xemxija f’San Pawl il-Bahar, is-sewwieq tilef il-kontroll tal-istess vettura bir-rizultat li din spiccat tahbat ma’ hajt fuq ix-xellug taghha u ddendlet ghal isfel, bi hsara estensiva fuqha.

“L-attur, li kien fil-gabina, spicca mtajjar ghal isfel bir-rizultat li wegga’ gravement u kien fil-periklu tal-mewt u baqa’ permanenti parzjalment dizabilitat.

“Ghall-incident kienu jahtu l-konvenuti (jew min minnhom) minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti.

“Il-konvenuti msejha biex ihallsu (jew min minnhom) id-danni lill-istanti baqghu inadempjenti.

“Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“Tiddikjara lill-konvenuti (jew min minnhom) responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li soffrew l-istanti b’rizultat tal-istess u dana ghar-ragunijiet imsemmija.

“Tillikwida l-istess danni okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi.

“Tikkundanna lill-konvenuti (jew min minnhom) biex ihallsu lill-istanti dak il-kwantum hekk dikjarat bhala dovut in linea ta’ danni.

“Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta’ Dicembru 2003 u dik tal-21 ta’ Jannar 2004 u **bl-imghax** skont il-Ligi kontra l-konvenuti (jew min minnhom) li huma ngunti ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Massimo Cassar, li in forza taghha eccepixxa illi:

“It-talbiet attrici rivolti fil-konfront tal-esponenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-esponenti ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident mertu ta’ din il-kawza, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“Isegwi ghalhekk illi l-esponenti mhuwiex responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-atturi, u ghaldaqstant m’ghandux jigi ordnat illi jhallas ebda danni li jistghu jigu likwidati favur l-atturi.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-istess Massimo Cassar.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tal-Protezzjoni Civili, li in forza taghha eccepixxa illi:

“Preliminarjament, icc-citazzjoni ma gietx innotifikata kif tirrikjedi l-Ligi fl-Art. 181B (3) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili lill-Avukat Generali u ghalhekk iz-zmien ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet da parti tal-eccipjent ma bediex jiddekorri qabel din in-notifika.

“Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni allegatament sofferti mill-attur ma kinux dovuti minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti da parti tal-eccipjent izda graw b’konsegwenza ta’ accident u ghalhekk l-eccipjent mhuwiex responsabbli taghhom.

“Huwa ma ghandux ibati spejjez.

“Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-istess Direttur.

“Semghet ix-xhieda.

“Rat id-dokumenti esebiti.

“Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-attur u tal-konvenut Cassar.

“Innotat illi d-Direttur tal-Protezzjoni Civili ma ressaqx sottomissjonijiet bil-miktub ghalkemm moghti l-fakolta’ li jaghmel dan kif verbalizzat fis-seduta tas-27 ta’ Mejju 2010.

“Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

“Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti, jew min minnhom jigu dikjarati responsabbli ghad-danni li sofra Saviour Chircop meta kien involut f’incident waqt li kien riekeb vettura tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili.

“Jirrizulta illi fit-3 ta’ Frar 2002 fis-2.00am, l-attur, li jahdem bhala Assistance and Rescue Officer mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili kien rikeb fuq vettura tat-tifi tan-nar IVECO GVH-475 misjuqa mill-konvenut Massimo Cassar. Kienu ghadhom kif telqu mill-istazzjon fix-Xemxija. Fin-nizla, il-vettura habtet go hajt mal-genb tat-triq u spiccat imdendla ghal isfel. L-attur tar minn fejn kien riekeb u spicca wiccu ‘l isfel fil-bahar. Ingibed mill-bahar minn Massimo Cassar stess. Rizultat ta’ dan l-incident huwa sofra dizabilta’ permanenti kemm fizika kif ukoll psikika.

"Ghar-rigward tal-eccezzjonijiet preliminari tad-Direttur tal-Protezzjoni Civili, din il-Qorti qieghda tqis li ma saret ebda insistenza fuqhom. Id-difensuri tal-imsemmi Direttur baqghu isegwu l-kawza regolarment u jressqu x-xhieda. Kif diga' ntqal, ghazlu li ma jressqu ebda sottomissjonijiet finali.

"<u>Responsabilta' ta' Massimo Cassar</u>

"Massimo Cassar, konvenut, kien qieghed isuq il-vettura nvoluta. Kienet ghamlet ix-xita u t-triq kienet bit-tajn minhabba xoghol ta' kostruzzjoni li kien qed isir f'dawk l-inhawi. Huwa jixhed hekk:

> ""*Jiena qbadt in-nizla tax-Xemxija u peress li t-triq kienet xi ftit imxarrba u naf li hemmhekk f'temp ta' sitt xhur kienu saru 2 incidenti bil-vetturi taghna fl-istess nizla u dan peress li zgidjaw jiena kont qed insuq bil-mod nghid li skidding ma sarx hemm fin-nizla tax-Xemxija izda kienu saru f'ambjenti differenti jigifieri l-Furjana u l-Imsida minhabba dawk l-incidenti u peress li t-triq kienet imxarrba jiena kont qed insuq il-vettura tieghi bil-mod.*""

"Jghid ukoll:

> ""*Jien kif ghidt, kont qed insuq bil-mod u kont qed insuq in low gear peress li karozza bhal dik mhijiex facli li zzommha.*""

"L-attur innifsu m'ghandu ebda memorja ta' kif sehh l-incident. Kull ma jaf huwa li stenbah fl-I.T.U. tal-isptar San Luqa.

"Joseph Zammit, li kien mahtur mill-Magistrat inkwirenti biex jassisti lill-Perit Legali Dr. Joseph Micallef Stafrace ezamina l-vettura. Xehed viva voce quddiem din il-Qorti diversament presjeduta. Jiddikjara car u tond illi "*lilna ma rrizultalniex speed eccessiv*".

"Din il-Qorti fuq kollox tqis illi kieku fire engine mghobbija bl-ilma habtet wara li tkun misjuqa b'velocita' ma kinitx tieqaf imdendla ma' hajt ta' ftit filati imma kienet tibqa' niezla ghal isfel. Il-momentum li kien jirrizulta kien iwassal ghal tragedja ferm akbar milli fil-fatt gara.

"Il-Qorti fliet minuzzjozament il-provi kollha prodotti u ma ssibx li ghandu xi htija s-sewwieq.

"<u>Responsabilta' tad-Direttur tal-Protezzjoni Civili</u>

"In linea ta' principju huwa kostantement ritenut minn dawn il-Qrati li f'cirkostanzi ta' impjieg, l-obbligi ta' min ihaddem biex ihares lill-impjegati tieghu minn kull infortunju huma ben noti. Gurisprudenza estensiva u kostanti ta' din il-Qorti jissenjalaw u jenfasizzaw fost affarijiet ohra, l-obbligu ta' min ihaddem li jipprovdi post tax-xoghol sigur, attrezzi u ghodda adegwati, sistema ta' xoghol sigura, tahrig adegwat u supervizjoni adegwata. Il-Qorti tissenjala f'dan il-kuntest

bhala partikolarment rilevanti s-sentenzi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Scicluna vs T.N. Waterproofing" (deciza fl-20 ta' April 2007), "Cini vs Wells" (deciza fid-29 ta' Mejju 2001), "Grech vs Bugeja" (deciza fid-9 ta' Ottubru 2009) u "Mallia vs Mizzi" (deciza fid-9 ta' Ottubru 2003).

"Il-Qorti qieset il-fatti kollha kif pruvati permezz tax-xhieda prodotti fid-dawl tal-insenjament ta' dawn il-Qrati u jirrizulta li l-agir tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili ma kienx wiehed ta' "bonus paterfamilias" kif kien mehtieg li jkun.

"Jirrizulta illi l-fire engines li kienu qed jintuzaw kienu ngiebu Malta ghall-habta tal-1998. Jirrizulta wkoll illi t-tyres tal-vetturi kienu qeghdin ikunu kawza ta' problemi fis-sewqan tal-istess vetturi.

"Massimo Cassar, konvenut, kif diga' ssemma aktar 'il fuq, kien konxju tal-fatt li l-vetturi kienu qed jirriskontraw sitwazzjonijiet ta' skiddjar (ara bran tax-xhieda fuq kwotata).

"Natalino Bezzina, station officer xehed hekk:

> ""*Wara dan l-incident naf li r-roti ta' quddiem tal-vettura nbidlu. Ghamilna hekk peress illi qabel l-incident ahna kellna complaints minghand id-drivers illi l-vettura kienet qed tiskiddja. Fil-fatt, il-complaints li kellna mhux in konnessjoni ta' din il-vettura, pero' fil-kuntest tal-vetturi li kellna fl-istation tax-Xemxija. Naf illi kellna problema fl-inhawi hemmhekk peress illi kien qed isir construction work hdejn in-nizla tax-Xemxija. Kien qed johrog hafna tafal minn hemm u l-vetturi kienu qed jiskiddjaw. F'dawk iz-zminijiet, fil-fatt, kien hemm numru ta' incidenti rizultat tal-fatt li l-vetturi kienu qed jiskiddjaw. Meta sehh l-incident, it-tyres kienu ghadhom dawk originali li giet bihom il-karozza meta nxtrat mid-dipartiment.*""

"In kontroezami jkompli:

> ""*Anke in konnessjoni ma' din il-vettura, kienu jidhlulna rapporti illi l-vettura kienet skiddjat f'xi post waqt li kienu sejrin jew gejjin mix-xoghol. Generalment dan l-iskiddjar isir dejjem fil-bidu tal-vjagg taghhom jigifieri kif il-vettura tohrog mill-istation.*""

"George Micallef, ukoll Assistance and Rescue Officer jixhed hekk:

> ""*Fl-2001 jiena kelli incident bil-bowser l-Imsida, ridna nixghelu l-storm alarm ta` Birkirkara, tlaqna mill-Furjana, kif wasalna vicin il-Bank of Valletta tal-Msida. F`hin minnhom it-truck skiddja qisu sab xi diesel jew xi zejt. Dak il-hin immaginajt hekk jien. Xita ftit kien hemm hafifa, naqra bil-mod. Inqabad mal-bankina u habat mal-bankina u l-bowser inqalgheb fuq in-naha tal-passiggier.*""

"Minn dan kollu jirrizulta lill-Qorti li d-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili kien konxju li l-vetturi kienu qed jirriskontraw problemi ta' skiddjar, partikolarment f'cirkostanzi meta t-triq tkun imxarrba, imqar ftit. Tenut

kont tac-cirkostanzi li fihom jinstaqu dawn il-vetturi, u cioe' f'cirkostanzi ta' urgenza fejn il-heffa hija fin-natura stess tax-xoghol, din il-Qorti tqis li d-Dipartiment naqas meta, ghalkemm kellu dan l-gharfien, naqas milli jiehu l-passi mehtiega biex jigu evitati incidenti. Ghalhekk din il-Qorti ssib li ghandu jitqies responsabbli ghall-akkadut.

"<u>Danni</u>

"L-Art. 1045 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> ""***1045.*** *(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skont id-dispozizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib.*
>
> *""(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati.*"
>
> ""Kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Borg vs Muscat" (deciza fid-9 ta' Jannar 1973):
>
> ""*L-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-pozizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn.*""

<u>"Danni</u>

"Konsegwenza ta' dan l-incident, Saviour Chircop ma setax jahdem overtime. Tilef ukoll allowances moghtija lill-persuni li jahdmu fix-xoghol tieghu, "allowances" ghall-Hdud u Btajjel pubblici kif ukoll dhul minn xoghol part-time li kien jaghmel. Dawn flimkien ilahhqu l-ammont ta' €7,573. Il-Qorti tqis li ta' dawn ghandu jigi risarcit.

"<u>Lucrum cessans</u>

"L-esperti medici kkonkludew separatament illi Saviour Chircop sofra dizabilta' permanenti. Il-kirurgu ortopediku Mr. Ray Gatt stabilixxa dizabilta' ta' 20%, it-Tabib Stephen Mattocks, urologu, min-naha tieghu wasal ghall-grad ta' 25% u l-psikjatra Dr. John Mifsud grad ta' dizabilta' psikika ta' 50%. Ma ngabet lill-Qorti ebda raguni li twassalha tikkonkludi li dawn ir-rizultanzi huma rragjonevoli u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex twarrabhom.

"Il-Qorti ma tistax ma tapprezzax l-entita' tal-konsegwenzi partikolarment in vista tal-eta' zghira tal-imgarrab li minbarra d-debilita' fizika qieghed isofri wkoll minn debilita' konsiderevoli psikika.

"In-natura tal-problemi li qed isofri minnhom l-attur zgur ser ihallu effett dejjiemi serjissimu fuq kull aspett ta' hajtu. Il-Qorti tirreferi

partikolarment ghar-rapport tal-psikjatra li jispjega dettaljatament is-sitwazzjoni ahharija tal-imgarrab.

"Madanakollu, ghall-kuntrarju ta' dak li jsostni l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, din il-Qorti mhijiex ser taghmel l-ezercizzju matematiku semplici li tghoddhom flimkien. Ikun irragjonevoli tqis li tezisti dizabilta' ta' 95% f'persuna li, wara kollox, qieghda f'pozizzjoni llum li tahdem fl-impjieg li kellha fiz-zmien tal-incident. Dan premess, pero', jibqa' l-fatt li d-dizabilta' hija serjissima u l-Qorti qieghda tiffissaha fil-grad ta' 60%.

"Fiz-zmien tal-incident, l-attur kellu l-eta ta' 33 sena u ghaldaqstant, il-Qorti qieghda taddotta multiplier ta' 25.

"Il-qliegh tal-attur fis-sena ta' qabel l-incident kien ta' madwar €20,000, dan bejn l-impjieg principali tieghu maghdud mal-qligh mill-impjieg part-time. Ta' dawn huwa gab provi sufficcjenti. Ma' dan l-ammont, il-Qorti ser izzid 10% ghall-possibilta' ta' zidiet fil-qligh fil-futur.

"Ghalhekk,

"**Lucrum cessans:** 22,000 x 25 x 60% = 330,000
"**Damnum emergens:** 7,573 +
"**Total:** 337,573

"Mhuwiex ser isir tnaqqis ghar-rigward tal-"lump sum payment" stante li l-incident gara fl-2002.

"Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' Massimo Cassar u ghalhekk tichad it-talbiet fil-konfront tieghu, tilqa' t-talbiet fil-konfront tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili u tiddikjara li l-imsemmi Dipartiment kien jahti ghall-incident li gara fit-3 ta' Frar 2002; tillikwida l-ammont ta' danni fl-ammont ta' tliet mija u sebgha u tletin elf hames mija u tlieta u sebghin ewro (€337,573); tikkundanna lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili jhallas lill-atturi s-somma ta' tliet mija u sebgha u tletin elf hames mija u tlieta u sebghin ewro (€337,573).

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut Direttur tal-Protezzjoni Civili li talab li jigi ezentat minn kull responsabilita` u l-atturi rrispondew billi talbu l-konferma tas-sentenza; ma sar ebda appell mill-parti tas-sentenza li lliberat lill-konvenut l-iehor Cassar minn kull responsabilita`

ghall-akkadut billi cahdet it-talba fil-konfront tieghu. Din il-parti allura ghaddiet in gudikat.

Qabel xejn il-Qorti trid tittratta t-talba tal-appellat biex jigi sfilzat affidavit ta' Anthony Pisani, ufficjal tal-Protezzjoni Civili, li gie esebit mar-rikors tal-appell.

L-Artikolu 145 tal-Kap. 12 jghid a propositu illi *Mar-rikors, mat-tweġiba u mar-replika, għandhom jinġiebu d-dokumenti li jkunu jsaħħu t-talbiet tal-wieħed jew l-eċċezzjonijiet tal-ieħor.*

L-Artikolu 150 jghid imbaghad illi;

> *"(1) Meta dokument ma jiġix miġjub kif stabbilit fl-artikolu 145, dan id-dokument jista' jinġieb biss –*
>
> *"(a) meta, għad li wieħed ikun għamel ħiltu, ma setax ikollu d-dokument qabel il-preżentata tal-att li miegħu kien imissu jinġieb, u l-preżentata ta' dak l-att ma setgħatx, bla ħsara, titħalla għal wara; jew*
>
> *"(b) meta l-qorti tkun sodisfatta mill-ħtieġa jew mill-utilità li jkollha d-dokument quddiemha:*
>
> *"Iżda, f'kull każ bħal dan, il-qorti tista', fil-qtugħ tal-ispejjeż tal-kawża, tieħu qies tad-dewmien li bih ġie miġjub id-dokument; jew*
>
> *"(ċ) meta l-parti kuntrarja, b'nota separata, jew b'notament fil-ġenb jew fit-tarf tan-nota li biha d-dokument jinġieb, tagħti l-kunsens tagħha; jew*
>
> *"(d) meta jiġi ppruvat, b'ġurament jew xort'oħra, li l-parti li ġġib id-dokument, ma kinitx taf bih, jew ma setgħatx, bil-mezzi li tagħti l-liġi, iġġibu fiż-żmien li jmiss; jew*

> *"(e) meta d-dokument li għandu jinġieb huwa ktieb jew karti oriġinali oħra, illi tkun inġiebet kopja tagħhom jew estratti minnhom dwar il-kwistjoni fil-kawża fiż-żmien li jmiss; jew*
>
> *"(f) quddiem periti, meta d-dokument għandu x'jaqsam mal-kwistjoni mħollija għall-eżami tagħhom."*

Din il-Qorti hija tal-fehma li affidavit mhuwiex *dokument* fis-sens indikat mill-Artikolu 145, imma huwa **deposizzjoni gdida**. Ghalhekk qed tilqa' t-talba ghall-isfilz tal-istess u allura mhijiex se tikkonsidrah bhala prova gdida fid-deliberazzjoni taghha tal-appell odjern.

Il-Qorti ghalhekk issa se tikkonsidra l-aggravji lamentati mill-appellant.

**APPELL PRINCIPALI**

**L-ewwel aggravju** jirrigwarda appuntu r-responsabilita` ghall-incident, l-appellant isostni li ma kienx responsabbli ghall-incident li wassal ghad-danni reklamati mill-appellat. Huwa evidenti l-ewwel Qorti trattat il-kawza bhala wahda li fiha li l-appellat ibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-obbligu ta' min jimpjega li jhares is-sahha tal-impjegat tieghu waqt il-hin tax-xoghol. Il-Qorti qed tghid dan ghaliex mhux daqstant evidenti mir-rikors promotur li dan kien hekk; madankollu l-appellant mhux qed jappella minn din l-interpetazzjoni li tat dik il-Qorti izda biss fuq ir-responsabilita` tieghu ghall-incident.

Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Kevin Mallia v. Alf Mizzi and Sons Limited** deciza fid-9 ta' Ottubru 2003 *min ihaddem ghandhu d-dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' periklu u riskju ghas-sahha tal-istess haddiem (ara* ***Bugeja v. Falzon*** *deciza mill-istess Qorti fit-30 ta' April 1997 u* ***Desira v. Grech and Co. Ltd*** *deciza fis-27 ta' Gunju 2002).*

Sentenzi ohra tal-istess opinjoni huma **Galea v. Balzan** Qorti tal-Appell 26 ta' Frar 1993 u **Agius v. Galea** Qorti tal-Kummerc 11 ta' Lulju 1989). Sentenza ricenti **Grezzju Scicluna v. C. Cini and Sons Ltd** - 27 ta' Gunju 2006 –Cit 348/02 TM) iccitat l-awtur **Whincup** fil-ktieb Modern Employment Law li jelenka erbgha principji bazici f'kazi simili u cioe`:

> *"i. the employer must ensure that the employee knows the dangers*
>
> *"ii. the employer must ensure that the employee knows the precautions to be taken against these dangers*
>
> *"iii. the employer must ensure that the precautions are available*
>
> *"iv. the employer must ensure that the employee knows these precautions are available"*

Kif sew irrimarkat il-Qorti fil-kawza **Schembri v. Caruana** P.A. 12 ta' Jannar, 1983, min ihaddem irid izomm quddiem ghajnejh illi gieli l-haddiem jittraskura xi ftit dwar il-perikli li jkollu u ghalhekk ghandu jkun hemm sistema biex dawn l-izbalji ma jsirux.

Dan kollu gie riprodott fis-sentenza fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Anna Micallef v. Allchem Limited** (13 ta' Gunju 2007 – konfermata minn din il-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Settembru 2009).

Mill-provi prodotti u li gew imsemmija fis-sentenza appellata hija l-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti kienet korretta meta waslet ghall-konkluzjoni li d-direttur appellant kellu responsabilita` li ma hax kura bizzejjed biex jara li r-roti tal-vettura in kwistjoni kienu fi stat tajjeb li ma jigrux incidenti bhal dan.

L-appellant jargumenta wkoll li dak li kkontribwixxa ghall-feriti li sofra kien il-fatt li ghandu jirrizulta lill-Qorti li l-appellat ma kienx qed jaghmel uzu mis-*seat belt* li kien a dispozizzjoni tieghu. Hawn il-Qorti taqbel mal-appellant; altrimenti wiehed ma jispjegax kif l-appellat tar minn gol-vettura meta l-impatt tal-vettura mal-hajt kien wiehed legger tant li s-sewwieq ma sofra ebda dannu. Ghalhekk din il-Qorti taqbel li l-appellat ikkontribwixxa mhux ghall-incident izda ghal "quantum" tad-danni li sofra. L-istess appellat ma jiftakarx jekk kienx libes is-*seat belt* – kwazi ammissjoni li ma kienx libes *seat belt* u lanqas il-konvenut l-iehor ma semma xejn; ukoll indikazzjoni f'dan is-sens.

Fuq is-suggett hu pacifikament akkolt illi "*meta jkun hemm htija kontributorja huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi l-*

*proporzjoni li fiha d-danneggjat ikun ikkontribwixxa ghal, jew ikkaguna l-hsara li garrab; kollox jiddependi mic-cirkostanzi tal-kaz.*" **(Vol. XLVIII P I p 59). (Hayes v. Farrugia**, Prim'Awla, 28 ta', Mejju 2003). Jinsab affermat ukoll illi "*meta jkun hemm htija kontributorja da parti tad-danneggat, huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabbilixxi l-proporzjon li fiha huwa kkontribwixxa ghal jew ikkaguna l-hsara li garrab sew jekk id-danneggjant jew danneggjanti jkunu kkagunaw iddannu b'semplici kolpa jew anke b'dolo, minghajr ebda regola prestabbilita mil-ligi stess li tistabbilixxi l-proporzjon ghal nofs jew frazzjoni ohra. Kollox f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu***"** (**"Joseph Galdes –v.- Victor Micallef**", Appell Civili, 20 ta' Jannar 1964, a Vol. XLVIII P I p 59); (**David Scerri v. Anthony Ciantar et**, 3 ta' Ottubru 2003, Prim'Awla).

*F'sitwazzjoni bhal din jinstab stabbilit illi fejn tirrizulta htija kontributorja huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi hi skond ic-cirkostanzi tal-kaz il-proporzjon tar-responsabilita`. U fejn din ma tistax tigi maqsuma b'certezza ghandha tigi diviza ugwalment****. (Ara*** **Kollezz Vol XLVIII p I p 59). (Fenech v. Montebello**, Appell Inferjuri, 20 ta' Ottubru 2003). Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Sammut v. Clamus Holding Limited** (27 ta' Settembru 2012 – konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-principju fl-2016) ezaminat din il-kwistjoni fil-fond u ghamlet dawn l-osservazzjonijiet eruditi li din il-Qorti taqbel maghhom**;**

*"Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra ssejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il- ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab . Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet*.

*"Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan irrigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari talkaż u l-provi riżultanti . Jista' għalhekk ikun li lkontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il- ħsara. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li* ***onus incumbit ei qui dixit****, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;*

*"Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ- ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa talpersuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn limpjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu . Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal- massima* ***li volenti non fit iniuria;***

"Jinsab affermat illi "meta jkun hemm htija kontributorja da parti tad-danneggat, huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabbilixxi l-proporzjon li fiha huwa kkontribwixxa ghal jew ikkaguna l-hsara li garrab sew jekk id-danneggjant jew danneggjanti jkunu kkagunaw iddannu b' semplici kolpa jew anke b' dolo, minghajr ebda regola prestabbilita mil-ligi stess li tistabbilixxi l-proporzjon ghal nofs jew frazzjoni ohra. Kollox f' kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu" **("Joseph Galdes –vs- Victor Micallef", Appell Civili, 20 ta' Jannar 1964, a Vol. XLVIII P I p 59**); (**David Scerri vs Anthony Ciantar et, 3 ta' Ottubru 2003, Prim Awla).**

> *"F'sitwazzjoni bhal din jinstab stabbilit illi fejn tirrizulta htija kontributorja huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi hi skond ic-cirkostanzi tal-kaz il-proporzjon tar-responsabilita`. U fejn din ma tistax tigi maqsuma b'certezza ghandha tigi diviza ugwalment. (Ara* **Kollezz Vol XLVIII p I p 59). (Fenech vs Montebello, Appell Inferjuri, 20 ta' Ottubru 2003).**"

Huwa evidenti li n-nuqqas tal-appellat li jilbes *seat belt* ikkontribwiet sostanzjalment ghal hsara li garrab u din il-Qorti se tillikwida dan fil-percentwali ta' 40 fil-mija. Kwindi l-appellant ghandu 60 fil-mija htija ghal din il-hsara.

**It-tieni aggravju** jirrigwardja l-komputazzjoni tad-danni akkordati lill-atturi. Naturalment kif spiss qalu l-Qrati taghna;

*Il-Qorti trid .. taghmilha cara illi f'kazi bhal dawn ma tezisti l-ebda formula magika specjalment meta l-akkadut ikollu konsegwenzi fatali.*

**(Turner v. Agius**, Qorti tal-Appell 28 ta' Novembru 2003)

Dan ghaliex kif gie spjegat diversi drabi, il-Qorti meta tigi biex tiddecidi kawza simili, qatt ma tista' tipprevedi tibdil fic-cirkostanzi tal-hajja tal-persuna mwegga' u *multo magis* fejn sfortunatament kien hemm mewt. Dan huwa rifless f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti, uhud minnhom riportati fis-sentenza **Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited** deciza fil-31 ta' Jannar 2014 minn din il-Qorti, fejn l-attur kellu 23 sena meta sehh l-incident u l-Qorti applikat 'multiplier' ta' 35 sena. Kif tghid l-

awtrici **Vivienne Harpwood (Modern Tort Law”)** (**ediz. 2009, pagna 438**),

> “*Deductions may also be made by adjusting the multiplier downwards to allow for certain future contingencies. In an attempt to assess the appropriate sum which should be awarded for loss of future earnings, the courts gaze into the imaginary crystal ball, and try to make the award in the light of what might have been the claimant’s future.”*

Dawn il-hsibijiet huma riflessi anke f’sentenzi ta’ din il-Qorti bhal **Gauci v. Bugeja** (27 ta’ Novembru 2009) u **Caruana v. Camilleri** (27 ta’ Frar 2004) u **Attard v. D’ Amato** (22 ta’ Ottubru 2002). Fl-ewwel sentenza msemmija intqal infatti illi *id-danni ghandhom jigu akkordati biex jirriflettu l-bilanc li ghandu jintlahaq bejn id-dritt tad’danneggjat u l-obligu tal-dannegjant. Tenut kont ta’ dan isegwi illi l-working life expectancy ma ghandu qatt jigi, kif qatt ma gie konsiderat kollu ghall fini tal-multiplier.*

Tenut kont li l-appellat kellu 33 sena meta gara l-incident din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti ghamlet sewwa li applikat multiplier ta’ 25 sena. Madankollu ma taqbilx ma’ fatturi ohra li wasslu l-Qorti biex tasal ghas-somma li waslet ghaliha.

L-ewwel nett l-ewwel Qorti bbazat is-soma finali taghha fuq salarju ta’ 22,000 euros li jinkludi wkoll *overtime* li kien jaghmel l-appellat. Is-salarju baziku tieghu fil-fatt kien ta’ cirka Lm5,500 (ara x-xhieda ta’ Joseph Bonnici, personell officer a fol 89) fiz-zmien li gara l-incident – allura 12,815 euros u huwa fuq din is-somma li kellha tinhadem is-somma pagabbli bhala lucrum cessans.

Stabbilit dan irid jigi deciz il-percentwali ta' dizabilita` tal-appellat kawzati mill-incident. L-ewwel Qorti waslet ghal 60 fil-mija percentwali ta' dizabilita` wara li qieset ir-rati varji stabbiliti mill-ispecjalisti msemmija fis-sentenza. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-percentagg huwa gholi tenut kont tar-rata ta' 50 fil-mija stabbilit ghall-grad ta' dizabilita` psikika. Ghalhekk qed tistabbilixxi r-rata relattiva ghal 40 fil-mija. Taqbel pero` li ma tapplikax riduzzjoni ghal hlas f'daqqa tenut kont li l-incident gara fl-2002.

Ghalhekk il-lucrum cessans tinhadem hekk: €12, 815 X 25 X 40% = €128,150. Peress li l-appellant huwa responsabbli ghal 60 fil-mija tal-hsara dan jammonta ghalhekk ghas-somma ta' 76,890 euros. Irid jizdied ma' din is-somma, *damnum emergens* ta' 7,573 euros (mhux kontestat) u ghalhekk is-somma finali tkun ta' 84,463 euros.

L-imghax fuq is-somma likwidata u pagabbli lill-atturi appellati ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata kif deciz minnha; dan fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi ricenti ta' din il-Qorti - ara per eżempju **Vassallo v. Camilleri** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 2014) fejn giet ukoll citata s-sentenza **Turner v. Agius** (Appell - 28 ta' Novembru 2003)

> *"Dwar id-dekorrenza tal-imghax, il-Qorti irriteniet illi l-imghax fejn it-talba kienet 'da liquidare' ma kellux jghaddi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni propju minhabba l-principju 'in liquidandis non fit mora'. Il-Qorti ziedet pero li l-imghax kellu jghaddi mid-data tal-ewwel sentenza peress li f' dak il-mument il-konvenut kellu ideja tac-cifri involuti izda*

> *kien naqas milli jiddeposita ebda parti mill-ammont ta' danni sabiex jezimi ruhu mir-responsabilita'."*

Ghalkemm f'dan il-kaz is-somma li qed tigi likwidata minn din il-Qorti hija sostanzjalment inqas minn dik likwidata fis-sentenza appellata, il-Qorti xorta thoss li ghandha tapplika dan il-principju in vista tal-fatt li ghaddew aktar minn hames snin mid-data tal-istess sentenza appellata.

**DECIZJONI**

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu kif gej u cioe` filwaqt tikkonferma r-responsabilita` tal-appellant ghall-incident in kwistjoni fir-rata ta' sittin fil-mija ghar-ragunijiet imsemmija, tikkundannah ihallas is-somma ta' 84,463 euros (erbgha u tmenin elf, erba' mija tlieta u sittin euro) minflok dik likwidata mill-ewwel Qorti. L-ispejjez tal-Ewwel Istanza kif gia deciz minnha dawk tal-appell kwantu ghal terz ($^{1}/_{3}$) mill-appellant u zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-attur appellat. L-imghaxijiet jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata.**

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm